# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 2293/96 AJM

Kawza numru 32

Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' M.Demajo (Timbers) Limited.

Vs

W.J. Parnis England Ltd bhala agenti tas-socjeta' estera Utopia Maritime Co. SA, armaturi tal-bastiment Domna Maria u The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Lulju 1996 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' M.Demajo (Timbers) Limited importat minn Spanja erba' u ghoxrin pallets ta' chipboard li gew

trasportati ghall-vjagg lejn Malta bil-bastiment Domna Marija; illi wara li l-bastiment wasal Malta fil-11 ta' Lulju 1995 u l-importatur mar jirtira l-merkanzija importata, huwa sab in-nuqqas u il-hsarat li huma deskritti fis-Schedule tas-Small Claim Information Form preparat mis-surveyor tal-Institute of London Underwriters u jirrizulta mid-dokument tar-rilaxx tal-merkanzija mahruga mill-kontrollur tad-Dwana u mill-Gate Pass Out numru 4688 datata 25 ta' Lulju 1995; illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici, u s-socjeta' attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u l-hsara li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' elf mitejn seba u disghin lira maltin u tmenin centezimu (LM1297.80) li minnhom sitta u hamsin lira (LM56) kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabbilita' ghad-danni, baqghu inadempjenti; talbet illi din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u l-hsara fuq riferiti; u
2. tikkundannahom jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1297.80 li minnhom LM56 kienu survey fees, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta’ W.J. Parnis England Limited presentata fit-28 ta’ Frar 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-merkanzija in kwistjoni ngarret taht kundizzjonijiet ta’ F.I.O.S. (free in and out stowed) u l-obbligazzjonijiet tal-bastiment kienu li jwasslu l-bastiment sal moll kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi mill “cargo receipt” hawn annessa Dok JB 1, jidher li ma kien hemm ebda hsarat u/jew nuqqasijiet fil-polza ta’ karigu numru tnax (12).
3. Illi mit-tally sheets esebiti bhala Dok JB 2 sa JB 9 ma jirrizultax li kien hemm nuqqasijiet.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-imsemmija socjeta’.

Rat in-nota tas-socjeta’ The Cargo Handling presentata fit-3 ta’ Marzu 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija de quo giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally sheets Nri 80960, 80961, 80962, 80963, 80964, 83151, 83152 u 75740.
2. Illi ma hemmx responsabbilita’ ghall-hsarat a termini tar-regolament Nru 86 dwar il-Portijiet ta’ l-1966.
3. Illi ghandha tigi esebita l-polza ta’ assikurazzjoni li abbazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi ezebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

4. Illi ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM1,241.80 bhala allegati danni.
5. Illi dwar is-survey fees dawn mhux dovuti fuq skorta ta' gurisprudenza.
6. Illi l-artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amdended by Legal Notice 28/73) jezimi lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabbilita.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut The Cargo Handling.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Mejju 1997 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 1997 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-11 ta'Lulju 1995 wasal Malta l-bastiment Domna Maria tas-socjeta' Utopia Maritime Co. Sa. Fuq dan il-bastiment kienet giet mghobbija fil-port ta' Gandia, fis-Spanja, konsenja ta' "chipboard" destinata ghas-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited konsistenti f'24 pallets. Din

il-merkanzija ittellghat fuq il-bastiment bla nuqqasijiet u bla hsara kif jidher mill-Bill of Lading Nru 12 (Dok 1 fol 6) u taht il-kondizzjoni ta' garr maghruf bhala F.I.O.S. u cioe "*free in and out stowed".*

Waqt il-hatt tal-merkanzija skond ma jidher mil-Joint Tally tar-rappresentanti tal-bastiment u tal-Cargo Handling Co. (fol 49 sa 55) jirrizulta li tnizlu minn abbord 23 pallets ossia bundles destinati lis-socjeta' Demajo u minn dawn jidher li kien hemm erbgha minnhom "loose" u anke "damaged." Sussewgentement meta l-istess merkanzija giet rilaxxata mil-mhazen tas-socjeta' The Cargo Handling fil-presenza tal-ufficjal tad-Dwana l-burdnar tas-socjeta' Demajo ha konsenja ta' 22 bundle. Dan jirrizulta ukoll mill-Gate Pass Out iffirmata minn rappresentant tas-socjeta' The Cargo Hadling u rappresentant tal-consignee. F'dan id-dokument jinghad li gew konsenjati 22 bundles "of which 3 bundles opened and slightly damaged".

Il-merkanzija giet spezzjonata minn rappresentant ta' The Institute of London Underwriters fil-mahzen tas-socjeta' Demajo fis-26 ta' Lulju 1995 fejn gie kostatat in-nuqqas u l-hsara u wara li sar "claim" u rapport lis-socjeta' attrici din hallset a termini tal-polza ta' assikurazzjoni s-somma ta' elf mitejn wiehed u erbghin lira u tmenin centezimu (LM1241.80). Billi ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma accettaw responsabblita' ghad-danni ittiehdu dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:-

Ma hemmx dubbju li l-merkanzija konsenjata lis-socjeta' Demajo Timbers kien fiha in-nuqqasijiet u l-hsarat li jirrizultaw mis-survey report. Dan mhux qed jigi kontestat mill-konvenuti. Izda s-socjeta' W.J. Parnis

England Ltd issostni fl-ewwel li (a) hija kkonsenjat fuq il-moll il-merkanzija kollha li giet fdata lilha u (b) li ghal dik li hija hsara mhux responsabbli kuntrattwalment. Mentri s-socjeta' The Cargo Handling issostni li hi mhux responsabbli billi l-merkanzija giet sbarkata bil-hsara minn fuq il-vapur. Dwar nuqqaisijiet din is-socjeta' ma tghid xejn.

Ghar-rigward tal-konsenja s-socjeta' Parnis England tistrih fuq id-dikjarazzjoni iffirmata mill-First Officer tal-bastiment Dok JB a fol 35 tal-process fejn tissemma xi merkanzija nieqsa jew danneggata skond il-Bill of Landing relattiva. Billi l-Bill of Lading 12, li tikkoncerna l-merkanzija destinata ghas-socjeta' Demajo ma tissemmix fuq dan id-dokument, allura qed jinghad li ma kienx hemm nuqqas fil-konsenja in kwistjoni. Jinghad ukoll, fin-nota ta' sottomissjonijiet, li ghalkemm jirrizultaw 23 bundles bil-marki tas-socjeta' Demajo eventwalment irrizulta bundle iehor bla marki li kien jappartjeni lil din s-socjeta u li dan nizel ukoll minn fuq il-vapur.

Issa d-dokument fuq imsemmi ghalkemm iffirmat minn persuna ta' awtorita' dejjem jibqa' ex parte billi huwa dikjarazzjoni tal-ufficjal tal-bastiment li garr il-merkanzija. Dwar nuqqasijiet ghalhekk wiehed jrid jaghmel referenza ghal Joint Tally li nzamm minn rappresentant tas-socjeta' Parnis England u rappresentant ta' The Cargo Handling. Minn dan jirrizulta li effettivament il-merkanzija li nizlet mill-vapur u li kienet destinata lis-socjeta' Demajo kienet tikkonsisti fi 23 bundle. Ghalhekk f'dan l-istadju s-socjeta' Parnis England nomine certament hija responsabbli ghal bundle nieqes.

Dwar hsarat fl-istess dokument JB1 insibu dikjarat hekk "Broken bundles by stevedores during discharging". Din ukoll hija dikjarazzjoni tal-First

Officer tal-bastiment. Is-socjeta' Parnis England nomine qed isostni li hija mhux responsabbli ghal dawn il-hsarat minhabba in-natura tal-kuntratt li jobbliga biss lill-vapur li jwassal l-merkanzija fil-port ta' destinazzjoni u xejn aktar. Izda ma ingibet ebda prova dwar minn hatt il-merkanzija u jidher li dan sar minn impjegati tas-socjeta' konvenuta rappresentata minn W.J. Parnis England u bl-apparat tal bastiment. Ma jirrizultax li tqabbad xi hadd iehor biex ghamel dan ix-xoghol u ghalhekk l-bastiment ghandu jinzamm responsabbli ghal hsara li rrizultat waqt l-isbark.

Skond is-survey din il-hsara li kienet tikkoncerna 34 sheet, giet valutata, wara li ttiehed in konsiderazzjoni l-uzu li seta' sar mir-rimanenti parti tas-sheets ta' hardboard, fl-ammont ta' 32,333.83 pesetas spanjoli li konvertiti bir-rata ta' kambju ta' dak iz-zmien ta' LM1 = PTA344.8976 jammonta ghal LM93.75.

Illi fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling ghandu jinghad li din is-socjeta' tidhol responsabbli ghall-merkanzija hekk kif tinzel minn abbord sal mument tal-konsenja lill-burdnar mqabbad mill-consignee. Mill-provi prodotti jirrizulta li din is-socjeta' irceviet tlieta u ghoxrin bundle injam minn liema erbgha kienu "loose" u bi hsara. Izda meta saret il-konsenja gew "delivered" biss 22 bundle li minhom tlieta kienu "loose" u wiehed damaged, inoltre mis-survey li inzamm irrizultaw ukoll 15 il-sheet Madera Hardboard nieqsa. Meta intela l-Gate Pass Out is-sitwazzjoni tal-merkanzija kienet l-istess bhal meta din tpoggiet f'idejn is-socjeta' Cargo Handling hlief li kien hemm bundle iehor u xi sheets individwali neqsin. Din is-socjeta' konsegwentement trid tirrispondi ghal dan il-bundle nieqes kif ukoll ghal hmistax il-sheet Madera Hardboard li instabu neqsin. Dawn il-hmistax il-sheet huma tal-valur skond is-survey

ta’ 19289.64 pesetas spanjoli li konvertiti bir-rata fuq imsemmija jammontaw ghas-somma ta’ LM55.93.

Finalment ghandu jigi rilevat li ma saret ebda prova liema bundle naqas fuq il-bastiment u liema naqas waqt li dawn kienu fil-pussess tas-socjeta’ The Cargo Handling. Dan huwa rilevanti billi hemm differenza fil-valur ta’ bejn il-wiehed u l-iehor. Fl-assenza ta’ din il-prova jkun xieraq li din il-Qorti arbitrio boni viri taqsam bejn il-konvenuti l-valur totali ta’ dawn il-bundles b’dana li kull konvenut jbati nofs il-valur. Mir-rapport ta’ Mark Micallef jirrizulta li l-valur komplessiv ta’ dawn iz-zewg bundles kien ta’ 337712.17 pesetas spanjoli li konvertiti bir-rata fuq imsemmija jghatu l-ekwivalent fl-liri maltin disa’ mija disgha u sebghin liri u sbatax-l centezimu (LM979.17). Dan l-ammont jrid jinqasam bejn il-konvenuti b’mod li kull parti tbati LM489.58.

Fir-rigward tas-somma ta’ LM128.00 allegatament imhallsa mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ Demajo ma inghatat ebda spejgazzjoni ta’ x’kienet u kif hija konnessa mal-“claim” u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tikkunsidraha.

Illi dwar s-survey fees din il-Qorti hija tal-fehma kif gja kellha okkazzjoni tesprimi ruhha precedentement li gja la darba l-azzjoni odjerna hija istitwita a bazi ta’ surroga, l-ammont imhallas mis-socjeta’ attrici ghas-survey ma jistax jifforma mertu ta’ dawn il-proceduri billi s-socjeta’ attrici qatt ma giet surrogata ghal dan l-ammont.

Fir-rigward ta’ l-imghaxijiet billi l-ammont reklamat fic-citazzjoni huwa wiehed determinat, dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara lis-socjeta' W.J. Parnis England Ltd responsabbli fis-somma ta' hames mija tlieta u tmenin lira tlieta u tletin centezimu (LM583.33) u lis-socjeta' The Cargo Handling Co.Ltd responsabbli fis-somma ta' hames mija hamsa u erbghin lira wiehed u hamsin centezimu (LM545.51) u konsegwentement tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammonti fuq dikjarati bhala dovuti u dana bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mil-konvenuti ugwalment.

Onor Imhallef Albert J. Magri